MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1288/2007

Robert **Azzopardi**

**(I.D. No. 350869(M))**

**vs**

**Francis Azzopardi, Antione sive Twanny Azzopardi, Grace Mizzi u b' digriet datat 7 ta' Dicembru, 2012, l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine Azzopardi, in kwantu ghal dawk li jirrigwardaw lid-decujus Anthony Azzopardi.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-7 ta' Dicembru, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi hu irrenda servigi lill-missieru Joseph Azzopardi ghal diversi snin qabel ma miet fit-8 ta' Dicembru, 2002;

1.2. Illi fit-testment ta' Joseph Azozpardi ma kien hemm l-ebda referena ghas-servigi lilu rezi minn ibnu r-rikorrenti fuq indikat u dan, nonostante diversi weghdiet f'dan is-sens;

1.3. Illi l-intimati, bhala eredi universali tal-mejjet Joseph Azzopardi, qeghdin jirrifjutaw li bonarjament jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens gust lilu dovuti;

1.4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-Qorti fejn qed jitlob is-segwenti:

1.4.1. Prevja, jekk hemm bzonn, dikjarazzjoni li bhala eredi universali tal-mejjet Joseph Azzopardi, l-intimati huma responsabbli ghall-hlas ta' servigi, kuri w assistenzi dovuti lir-rikorrenti matul dawn l-ahhar snin;

1.4.2. Tillikwida l-hlas dovut mill-intimati lir-rikorrenti ghall-istess;

1.4.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu *in solidum* l-ammont kollu hekk likwidat;

1.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur;

2.0. Rat ir-risposta datata l-21 t'April, 2008, li permezz taghha l-intimati sintentikament wiegbu bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talba tar-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati stante li ma ippresta l-ebda servigi a beneficcju ta' Joseph Azzopardi;

2.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-21 t'April, 2009, li permezz tieghu appuntat assistent gudizzjarju ghall-finijiet hemm indikati, (ara fol 19);

4. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti jitrattaw il-procedura bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 98);

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-22 t'Ottubru u dik tal-intimata Josephine Azzopardi datata s-6 ta' Novembru, it-tnejn tal-2013;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti datat is-26 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu iddikjaraw li qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat;

9.0. Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti qed jirreklama servigi ghall-servizzi minnu allegatament rezi lill-missieru Joseph Azzopardi;

9.2. Illi skond ic-certifikat tal-mewt tal-imsemmi Joseph Azzopardi, dan jirrizulta li miet fit-8 ta' Dicembru, 2002, (ara fol 14);

9.3. Illi l-procedura odjerna tirrizulta li giet intavolata fis-7 ta' Dicembru, 2007;

Ikkunsidrat;

10.0. Illi r-rikorrenti isostni sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi peress li hu guvni, hu dejjem ghex fid-dar tal-genituri tieghu;

10.2. Illi hutu kienu mizzewgin u jghixu mal-familji rispettivi taghhom;

10.3. Illi f'Settembru, 2001, l-imsemmi Joseph Azzopardi kien taghtu *stroke* u konsegwenza tal-istess ma setax jiehu aktar hsieb tieghu nnifsu;

10.4. Illi effettivament kien gie dipendenti fuq ibnu r-rikorrenti Robert Azzopardi li kien isajjarlu, jixtrilu u johorgu mieghu;

10.5. Illi l-imsemmi Joseph baqa' jghix fir-residenza tieghu flimkien ma ibnu r-rikorrenti Robert;

10.6. Illi nonostante li kien hemm ftehim bejn l-ahwa Azzopardi biex jaqsmu l-piz li kien waqa' fuqhom bis-sitwazzjoni ta' missierhom, ir-rikorrenti jallega li hutu ma ottemporawx ruhhom ma' l-istess ftehim, (ara fol 17);

10.7. Illi l-istess rikorrenti ikkalkula li kien jonfoq madwar tlieta u disghin Ewro u ghoxrin centezmu, (€93.20), fil-gimgha ghall-kura u l-assistenza ta' missieru;

10.8. Illi l-imsemmi ammont hu ekwivalenti ghal disa' u ghoxrin elf tmin mija u erbgha u ghoxrin Ewro, (€29,824.00), ghall-perjodu kompriz minn Settembru 2001 sa Dicembru, 2007.

10.9. Illi pero` ghandu jigi rilevat immedjatament li ghalkemm allegati, provi fir-rigward ma tressqux mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont ta' **Hili vs. Cardona et, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), datata s-26 ta' Settembru, 2007** u **Sciberras et vs Spiteri et, Qorti ta' l-Appell, datata l-1 t'April, 2005,** riferiti mill-istess intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jirrizulta pacifiku li l-perjodu li ghandu jitqies rilevanti ghall-ghoti ta' servigi ghandu, meta s-servigi jkun baqa' jinghata sal-mewt tal-beneficjarju, jitkejjel mill-perjodu ta' hames (5) snin ta' qabel il-mewt in dizamina;

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut ghalhekk kont tas-suespost, il-perjodu ta' zmien operattiv li qed jigi kkunsidrat ghall-finijiet hawn esposti hu dak tal-perjodu ta' hames (5) snin ta' qabel it-8 ta' Dicembru, 2002, data li fiha jirrizulta li miet l-imsemmi Joseph Azzopardi;

13. Illi ghalkemm ukoll gie allegat li r-rikorrentiipprezenta ittra ufficjali fir-rigward, din ma tirrizultax li giet ipprezentata in atti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi nonostante l-verzjoni tar-rikorrenti, l-intimati sintetikament isostnu s-segwenti:

14.1. Illi ghalkemm l-imsemmi missierhom kien t'eta` avvanzata u sofra *stroke*, dan xorta wahda ma waqax f'dipendenza assoluta kif donnu jrid jindika r-rikorrenti;

14.2. Illi hut ir-rikorrenti kienu xorta jiehdu hsieb missierhom huma wkoll;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-premess din il-Qorti hi sodisfatta li:

15.1. L-intimati fuq indikati ppruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi stante li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma` gewx ippruvati skont il-ligi;

15.2. Illi konsegwentement qed tirrespingi it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

**DECIDE**

16.0. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess taqta'  u tiddeciedi:

16.1. Illi l-azzjoni inizjata mir-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

16.2. Illi konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' l-istess;

16.3. Bl-ispejjez, kontra r-rikorrenti Robert Azzopardi.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------